Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,090, 25 ta' Lulju, 2023

Taqsima B

A.L. 191 tal-2023

ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD (KAP. 425)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru responsabbli għas-sajd u l-akkwakultura għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 425.07.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "Att" tiegħu għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

"apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif ikun fis-seħħ minn żmien għal żmien;";

(b) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fit-tifsira "Minister" tiegħu l-kliem "for fisheries and aquaculture." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "for fisheries and aquaculture;"; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Att" tiegħu għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

"AWLS" tfisser sistema ta' użin u tikkettar awtomatizzat, u tirreferi għal sistemi elettroniċi pprovduti u, jew approvati mid-Direttur għall-użin u t-tikkettar tal-ħut, u installati f'postijiet għall-iżbark tal-ħut kif meħtieġ mid-Direttur;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda bla ħsara għar-regolament 9, id-Direttur ma għandux jirreġistra jew iġedded kwalunkwe reġistrazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe bastiment li jaqa' taħt il-kategorija Ċ kif deskritt fir-regolament 8, jekk l-istess bastiment għandu tul ta' tnax-il metru (12m) jew aktar:"; u

(b) minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll f'każijiet eċċezzjonali u jekk ma jikkawża l-ebda preġudizzju lis-settur tas-sajd, b'mod ġenerali jew fil-każ partikolari, id-Direttur jista' jirreġistra jew iġedded reġistrazzjonijiet fil-kategorija Ċ għal bastimenti li għandhom tul ta' tnax-il metru (12m) jew aktar.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "juża l-formola indikata fl-Iskeda I" tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "juża u jimla dawk il-formoli kif jistgħu jkunu meħtieġa mid-Direttur";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "magħmulin taħt dak l-Att;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "magħmula taħtu, jew dikjarazzjoni ġuramentata li tiddikjara li l-bastiment ma kienx irreġistrat qabel skont kwalunkwe liġi f'Malta, u jekk l-ebda ċertifikat tal-bennej tal-bastiment ma jkun jista' jiġi pprovdut l-istess dikjarazzjoni għandha wkoll tiddikjara l-oriġini tal-bastiment;";

(iii) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) kemm jista' jkun ritratti li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex juru l-bastiment tas-sajd fl-intier tiegħu, sabiex l-imsemmija ritratti jinkludu t-tul sħiħ, il-wisa' kollha u l-għoli kollu mill-poppa sal-pruwa u min-naħa tax-xellug u tal-lemin tal-bastiment tas-sajd;";

(iv) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit b' dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) kopja ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tal-persuna fiżika li tippreżenta l-applikazzjoni; u"; u

(v) minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) l-applikant għandu jipprovdi evidenza raġonevoli li hu u l-kaptan tal-bastiment indikat fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-subregolament (3)."; u

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "għandhom ikunu residenti f'Malta skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandhom jkunu, f'kull ħin, residenti f'Malta u konformi mal-liġijiet kollha applikabbli dwar l-immigrazzjoni, ir-residenza, l-obbligi fiskali u tal-impjieg, u d-Direttur jista' jeħtieġ kwalunkwe evidenza li tipprova l-konformità ma' dawk il-liġijiet u fil-każ li tonqos milli tingħata dik l-evidenza jew fil-każ ta' dubju dwar dik il-konformità, id-Direttur għandu jirrifjuta l-applikazzjoni jew jissospendi jew jirrevoka r-reġistrazzjoni.", u n-nota marġinali għandha tiġi mħassra.

Jissostitwixxi r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Reġistrazzjoni, liċenzjar u miżati.

7. (1) Il-miżati għar-reġistrazzjoni tal-bastimenti u għal-liċenzji għandhom jitħallsu skont l-Iskeda II.

(2) Sakemm liċenzja ma tindikax xort'oħra, it-tul ta' żmien ta' liċenzja tas-sajd għandu jkun għal perjodu ta' sena (1) mid-data tal-ħruġ tagħha, u għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa fil-każ ta' kull vjaġġ tas-sajd.".

Jissostitwixxi r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Obbligi dwar il-ġurnal ta' abbord.

12. (1) Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd kollha għandhom ikunu responsabbli għat-twettiq ta' kwalunkwe obbligu dwar il-ġurnal ta' abbord kif applikabbli għalihom skont il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea u, jew kif id-Direttur jista' jeħtieġ meta joħroġ kwalunkwe liċenzja jew permess skont l-Att:

Iżda d-Direttur jista' jipprovdi ġurnali ta' abbord sabiex jintużaw mill-kaptani tal-bastimenti tas-sajd u, meta dawk il-ġurnali ta' abbord jintużaw b'mod korrett, l-obbligi kollha tal-ġurnal ta' abbord għandhom jitqiesu bħala *iuris et de iure* li ġew issodisfatti għall-għanijiet u l-effetti kollha tal-liġi:

Iżda wkoll il-ġurnali ta' abbord ipprovduti mid-Direttur jistgħu jkunu fuq karta u, jew f'format elettroniku skont kif jista' jiddeċiedi d-Direttur.

(2) Meta jeħtieġ ġurnali ta' abbord skont is-subregolament (1), id-Direttur jista' jipprovdi għal obbligi differenti dwar il-ġurnal ta' abbord u, jew dwar formati differenti tal-ġurnal ta' abbord għal bastimenti differenti u, jew għal kategoriji ta' bastimenti differenti.

(3) In-nuqqas li jintuża jew jimtela b'mod adegwat kwalunkwe ġurnal ta' abbord kif ipprovdut mid-Direttur skont is-subregolament (1), għandu jikkostitwixxi reat kontra dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) il-bastimenti tas-sajd kummerċjali kollha għandhom ikunu mgħammra b'apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita kif jista' jkun meħtieġ mid-Direttur u skont dan ir-regolament:

Iżda dan l-obbligu ma għandux japplika jekk

bastiment tas-sajd kummerċjali jkun b'xi mod ieħor obbligat li jkun mgħammar b'Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS) li tiffunzjona jew jekk bastiment tas-sajd kummerċjali jkun fil-fatt mgħammar b'sistema funzjonali bħal dik.";

(b) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) L-ebda persuna ma għandha ddaħħal jew toħroġ kwalunkwe pożizzjonijiet foloz, tbiddel manwalment, teqred, tagħmel ħsara, tirrendi inoperattiv, tbagħbas jew b'xi mod ieħor tinterferixxi mal-apparat u s-sistema ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita:

Iżda d-Direttur jista' jawtorizza t-titjib, it-tiswija jew is-sostituzzjoni tal-apparat u s-sistema msemmija.".

Jissostitwixxi r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Immarkar ta' bastimenti tas-sajd.

18. (1) Bla ħsara għal kwalunkwe mmarkar ieħor tal-bastimenti kif meħtieġ bil-liġi, il-bastimenti kollha tas-sajd b'tul totali ta' aktar minn għaxar (10) metri għandu jkollhom in-numru tagħhom fir-Reġistru ta' Bastimenti tas-Sajd immarkat skont l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għal għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif ikun fis-seħħ minn żmien għal żmien.

(2) Bla ħsara għas-subregolament (3) u kwalunkwe mmarkar ieħor tal-bastiment meħtieġ bil-liġi, bastimenti tas-sajd b'tul totali ta' għaxar metri (10m) jew inqas għandhom jiġu mmarkati fuq iż-żewġ naħat tal-pruwa bin-numru tagħhom fir-Reġistru ta' Bastimenti tas-Sajd, u dak l-immarkar għandu jkun f'kulur li jikkuntrasta mal-isfond li fuqu jkun miżbugħ.

(3) L-immarkar tal-bastimenti skont is-subregolament (2) għandu jkun kif ġej:

(a) għal bastimenti sa sitt metri (6m) fit-tul, il-karattri kollha tan-numru fir-Reġistru ta' Bastimenti tas-Sajd għandhom ikunu mill-inqas għaxar ċentimetri (10ċm) għoli u żewġ ċentimetri (2ċm) wiesa'; u

(b) għall-bastimenti ta' aktar minn sitt metri (6m) iżda inqas minn għaxar metri (10m) fit-tul, il-karattri kollha tan-numru fir-Reġistru ta' Bastimenti tas-Sajd għandhom ikunu mill-inqas għoxrin ċentimetru (20ċm) għoli u tliet ċentimetri (3ċm) wiesa':

Iżda l-għoli u l-wisgħa ta' kull karattru għandhom ikunu leġġibbli minn distanza raġonevoli l-ħin kollu:

Iżda wkoll l-għoli u l-wisgħa tal-karattri għandhom jiġi adattati għal daqsijiet li qatt ma jkunu anqas mid-daqsijiet imsemmija hawn fuq.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

9. Minnufih wara r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"L-iżbark, l-użin u t-tikkettar tal-ħut.

19A. (1) Il-bastimenti tas-sajd kummerċjali kollha għandhom jiżbarkaw il-ħut tagħhom fil-postijiet għall-iżbark mgħammra bis-sistemi AWLS approvati mid-Direttur.

(2) Il-ħut kollu żbarkat skont is-subregolament (1) għandu jintiżen minnufih mal-iżbark bl-użu tal-istess sistema AWLS:

Iżda kwalunkwe żbark u użin skont dan ir-regolament għandu jsir qabel l-ewwel bejgħ tal-ħut.

(3) Ir-reġistrazzjonijiet tad-data kollha meħtieġa mis-sistema AWLS għandhom jiddaħħlu għall-qabdiet kollha li jiġu żbarkati u li jintiżnu skont dan ir-regolament.

(4) It-tikkettar maħruġ mis-sistema AWLS għandu jinżamm fil-ħinijiet kollha mill-possessur tal-ħut skont l-obbligi kollha tat-tikkettar kif applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea.

(5) Dan ir-regolament hu bla ħsara għal kwalunkwe obbligu ta' żbark, użin u tikkettar skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni Ewropea, u għandu jinqara flimkien u f'konformità magħha.".

Iħassar l-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

10. L-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.

Jemenda l-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

11. Fl-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kelma "D", kull fejn tokkorri fl-ewwel kolonna tat-tabella, għandha tiġi mħassra.

Iħassar l-Iskeda IV li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

12. L-Iskeda IV li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.